

# Qabar antik misjub fi Triq il-Vitorja fl-1901

- Dr Anton Bugeja

***Rapporti u korrispondenza fuq is-sejba***

Fis-7 ta' Novembru 1901, is-Suprintendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi Lorenzo Gatt informa lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Gerald Strickland, li waqt li kien qed isir xogħol relatat mad-drenaġġ f'Ħal Qormi, iktar kmieni fl-istess jum, kien instab qabar b'xi għadam u fuħħar. Gatt jidher li kien immarka il-post eżatt fejn kienet saret is-sejba fuq mappa. Jidher ukoll li hu kien ħalla *watchman* fuq il-post sakemm Dr Antonio Annetto Caruana, il-persuna li kienet tieħu ħsieb l-antikitajiet, iżur il-post. Għalkemm erbat ijiem wara jidher li ngħatat struzzjoni biex Caruana jiġi avżat b'dak li kien ġara, l-ittra mingħand Strickland ħarġet fis-16 ta' Novembru u jidher li magħha kien hemm il-mappa li għamel Gatt.[1]

Caruana żar il-post fl-20 ta' Novembru, u l-għada bagħat ir-rapport tiegħu minn daru f'201, Strada San Paolo, il-Belt Valletta. Caruana qal li l-qabar li kien instab fi 'Strada Vittoria' (Figura 1), kellu bitħa (*shaft*) li tagħti għal ġewwa żewġ kmajriet tad-dfin u kollox kien juri li dan il-qabar kien ta' żmien il-Feniċi, bil-fuħħar ta' ġewwa fih rozz u ta' manifattura lokali. Interessanti hu li Caruana jgħid ukoll li kien hemm oqbra simili fl-inħawi u peress li ma kinux instabu xi affarijiet ta' valur arkeoloġiku jew artistiku straordinarju, kien tal-parir li l-qabar seta' ma jiġix ippreservat.[2]

Lorenzo Gatt, li qabel ma sar suprintendent tax-xogħlijiet pubbliċi kien *land surveyor*, għamel pjanta ta' waħda minn dawn iż-żewġ kmajriet (Figura 2). Juri li din kienet bl-irkejjen u ta' forma rettangolari, bi trinka fin-nofs li tibqa' dieħla sewwa għal ġewwa

1 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, CSG01-17792(Works)/1901.

2 Ittra A.A. Caruana lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, datata 21 ta' Novembru 1901 f'Caruana Galizia D., *Antonio Annetto Caruana: The Incidental Archaeologist*, Dissertazzjoni sottomessa lill-Università ta' Malta, 1997.

*ikompli f'paġna 95*

għall-inqas f'waħda mill-kmajriet tad-dfin. Jekk l-interpretazzjoni tagħna fuq kejl li jidher fuq naħa waħda tal-pjanta hi korretta, allura il-kmajra funerarja kien fiha tul ta' 7 piedi (2.13 metri) b'wisa' ta' 4 piedi u 4 pulzieri (1.32 metri) u d-daħla kienet wiesgħa 2 piedi u 4 pulzieri (0.71 metri). It-trinka kien fiha mill-inqas 7 piedi (2.13 metri) u kienet wiesgħa pied (0.30 metri).[3] Pjanta oħra probabbilment tal-istess post tad-dfin imma mhux iffirmata[4], turi li d-daħla kienet għolja pied u sitt pulzieri (0.49 metri), it-trinka kienet fonda nofs pied (0.15 metri), waqt li tliet piedi (0.91 metri) minn ġewwa l-għoli tal-kmajra kien tliet piedi u tliet pulzieri (0.99 metri).

F'rokna ta' ġewwa, il-kmajra jidher li kellha bħal imħadda tal-ġebel[5] waqt li xi ġebel kien imqiegħed f'żewġt iġnub oħra u fid-daħla tal-kmajra tad-dfin. Fuq wara tal-kmajra, jidher li fin-nofs kien hemm ħofra tonda fl-art[6] li jidher li kellha gozz għadam imħallat flimkien, bi plattin żgħir iserraħ fuq parti miċ-ċirkomferenza tagħha. Biċċiet tal-għadam, speċjalment dawk tas-saqajn u tad-dirgħajn imma wkoll rukkell tax-xewka tad-dahar, kienu mxerrdin fl-art tal-kmajra u dan juri li meta sar il-kejl, il-qabar kien diġà mimsus u mħarbat. Madankollu, jidher li kien għad fadal sitt plattini ta' forma simili, ħames bwieqi żgħar b'widna waħda, buqar b'żewġ widnejn, żewġ qolliet kabbarin u xi fuħħar ieħor.

L-għamla tal-qabar regolari u rettangolari, bi trinka mħaffra fin-nofs u fl-assi ċentrali tal-kmajra, ipoġġu dan il-qabar fil-fażi tardiva tal-perjodu Puniku ta' pajjiżna. Il-ħofra ċirkolari bejn it-trinka u l-ħajt l-iktar 'il ġewwa tal-kmajra funerarja, jaqbel sew mal-pjanti tal-oqbra li Sagona jsejħilhom tat-tip 10g u għalhekk fil-Fażi IV tal-klassifikazzjoni tagħha li bejn wieħed u ieħor tiġi fis-snin 300 sa 100 qabel Kristu.[7]

## *Sejba li ma tantx hi magħrufa*

Jekk wieħed iqalleb kotba li nkitbu fuq Ħal Qormi, bħal *Bliet u Rħula Maltin* u oħrajn, jintebaħ li s-sejba ta' dan il-qabar interessanti ma tissemmiex. Din mhix sorpriża għax il-qabar lanqas jissemma f'xogħlijiet iktar speċjalizzati, bħar-Rapporti Annwali tal-Mużew u l-kotba fuq l-oqbra antiki ta' Caruana. Għaliex?

---

3 Resources and Archives Section, Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi: Pjanta 100/18B.

4 Waqt li din it-tieni pjanta hi mmarkata Pjanta 100/18°, dik ta' figura 2 hi Pjanta 100/18B u għalhekk relatata.

5 Tidher fi Pjanta 100/18B.

6 Skont Pjanta 100/18B, din il-ħofra kellha dijametru ta' pied (0.3 metru).

7 Sagona C., 'The Archaeology of Punic Malta', *Ancient Near Eastern Studies Supplement 9* (Leuven, Peeters, 2002), paġni 256-259.

Dr Antonio Annetto Caruana, librar ewlieni tal-Bibljoteka mill-1880 u studjuż magħruf sew tal-antikitajiet, kien ħa d-deċiżjoni li jistudja l-oqbra antiki ta' Malta fl-1884 u dan wasslu biex jippubblika l-istudju tiegħu fi ktieb fl-1898, bl-isem ta' *Ancient pagan tombs and Christian cemeteries in the islands of Malta – explored and surveyed from the year 1881 to the year 1887*. Għalhekk, meta saret is-sejba dawn ma setgħux jiġu inklużi f'dan il-ktieb għax instabu iktar tard. Barra minn hekk, l-anqas setgħet tiġi ppubblikata fir-Rapporti tal-Mużew għax dawn bdew joħorġu fl-1904. Għalhekk, sejbiet ta' siti arkeoloġiċi li saru bejn l-1898 u l-1904 ma tantx huma magħrufa għajr minn xi rapport uffiċjali jew xi artikolett f'xi gazzetta lokali.



***Pjanta ta' Triq il-Vitorja fl-1909, ftit snin wara s-sejba.***

## *X'jgħidilna dan il-qabar fuq l-inħawi ta' Ħal Qormi fil-qedem*

Mir-rapporti fuq sejbiet ta' oqbra antiki li saru f'Ħal Qormi, jidher li dawn kienu mifruxa sew, b'ħafna oqbra 'l bogħod minn xulxin. Pereżempju dawk misjuba f'Tar-Rabbat (li jidher li kienu xi mkien fil-*bypass* qabel tinżel mill-Ħamrun)[8] huma 'l bogħod minn dawk misjubin f'Tal-Ħandaq, probabbli fit-triq viċin l-iskola.[9] Daqstant 'il bogħod hu l-post fejn instab il-qabar fl-1926 u, għalkemm ma nafux eżatt fejn qiegħed, dan żgur hu xi mkien taħt l-iskola tal-Gvern ta' Ħal Qormi San Ġorġ.[10] Dawn kollha wkoll huma 'l bogħod mill-qabar li nstab fil-Wied lejn il-punent ta' Ħal Qormi fl-1926.[11]

Jekk kien hemm xi konċentrazzjoni ta' oqbra, dawn setgħu kienu lejn nofs ir-raħal, imma m'aħniex ċerti fuq dan. Nafu fejn kien eżatt il-qabar misjub fl-1955, rappurtat quddiem bieb numru 81 ta' Sqaq il-Voti.[12] Dan seta' kien relattivament

8 Rapport Annwali tal-Mużew, 1966, 6-7.
9 Rapport Annwali tal-Gvern, 1971-72, 5.
10 Rapport Annwali tal-Mużew, 1926-27, vii.
11 Rapport Annwali tal-Mużew, 1927-28, vii-viii.
12 Rapport Annwali tal-Mużew, 1955-56, 5.

*ikompli f'paġna 97*

viċin il-qabar li nstab fi Triq San Dwardu fl-1962[13] jew il-post ta' dfin misjub fi Triq il-Vitorja fl-1901 deskritt hawn fuq, imma, peress li dawn iż-żewġ toroq huma twal, ma nistgħux nikkonkludu li l-oqbra kienu viċin xulxin. Forsi xi anzjani li jiftakru fejn instabu dawn l-oqbra jistgħu jagħtuna iktar ħjiel fuq dan.




***Pjanta ta' waħda mill-kmamar tad-dfin, ta' qabar misjub fi Triq il-Vitorja fl-1901 (Ħajr: Resources and Archives Section, Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi).***

Ta' min wieħed jgħid li meta wieħed iqis il-perjodu tal-użu tal-oqbra fi Sqaq il-Voti (500-100 qK),[14] Triq San Edwardu (300-100 qK),[15] Tal-Ħandaq (50-200 wK),[16] u l-qabar misjub fl-1901 deskritt hawn fuq (300-100 qK), wieħed jista' jikkonkludi li kien hemm ripetutament jew kontinwament xi attività għaddejja f'dawn l-inħawi, b'użu ta' postijiet differenti għad-dfin  bejn il-ħames seklu qabel Kristu sat-tieni seklu wara Kristu.

## *X'jgħidilna dan il-qabar fuq l-istorja tal-Arkeoloġija ta' Malta*

L-istudju tal-passat permezz tal-arkeoloġija jagħti importanza mhux biss lill-affarijiet li jinstabu, imma wkoll fejn u kif instabu. Bosta oqbra misjuba tul is-seklu dsatax kien jitteħdilhom minnhom il-fuħħar u kulma kien isir, meta kienu jiġu studjati, kien li jiġu mkejla. Il-qabar misjub f'Ħal Qormi fl-1901 jirrappreżenta  żvilupp importanti għax, mhux talli hu muri fil-pjanta l-post eżatt ta' fejn instabu l-affarijiet b'mod dettaljat, imma dan sar ukoll għall-biċċiet kemm tal-fuħħar kif ukoll tal-għadam. Sa fejn naf jien, qatt qabel il-pjanta ta' dan il-qabar mogħtija minn Gatt, ma ntużat tant reqqa biex jiġi muri kif instabu l-affarijiet f'postijiet ta' dfin antiki. Dan il-mod kif jiġu dokumentati l-affarijiet, kellna narawh ftit żmien wara fin-noti ta' Temi Zammit.

13 Rapport Annwali tal-Mużew, 1962, 6.
14 Qabar numru [383] f'Sagona 2002, paġni 948-949.
15 Qabar numru [384] f'Sagona 2002, paġni 949-950.
16 Qabar numru [387] f'Sagona 2002, paġni 951-952.